MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**DEBORAH MIFSUD ATTARD**

Seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2012

Talba Numru. 404/2012

**Vincent Mifsud Limited**
**C 3457**

**Vs**

**KMK Limited**
**C 50774**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-Talba fl-ismijiet premessi pprezentat fl-4 ta' Gunju, 2012 fejn peress illi s-socjeta' attrici nkarigat lis-socjeta' konvenuta sabiex jimmanifatturaw u jinstallaw vetrini fil-hanut tas-socjeta' atttrici 166/167 Fleur-de-Lys Road, Birkirkara u dan versu l-prezz komplessiv ta' disa' telef, tlett mija u hamsa u tmenien Ewro u tnejn u sebghin centezmu (€9,385.72). Inizjalment ix-xoghol kellhu jitlesta sal-15 ta' Novembru, 2011 izda mbaghad sar ftehim li x-

xoghol isir immedjatament wara l-Milied. Illi wara li qalbet is-sena, l-esponenti ppruvat tikkomunika diversi drabi mas-socjeta' intimate u sahansitra anke marru fuq il-post u raw li l-bieb tal-fabbrika kien maghluq.

Peress illi minn din is-somma s-socjeta' attrici hallset is-somma ta' tlett elef u hames mitt Ewro (€3,500) bhala depozitu izda minkejja diversi tentattivi sabiex il-kumpanija konvenuta tlesti x-xoghlijiet, dawn baqghu ma sarux u ghalhekk is-socjeta' attrici temmet l-appalat u nkarigat lil haddiehor sabiex jaghmel l-istess xoghlijiet u ghalhekk l-esponenti ghandhom dritt ghal rifuzjoni tas-somma ta' tlett elef u hames mitt Ewro (€3,500) imhallsa pero' qed jirriducu l-pretenzjoni taghhom ghal-ammont li jaqa fil-kompetenza ta' dan it-Tribunal tenut kont wkoll li apparti l-appalt fuq imsemmi, is-socjeta' konvenuta kienet inkaritata biex taghmel u fil-fatt ghamlet xoghol iehor apparti l-ftehim originali konsistenti f'tieqa, bieb u cupboard u ghalhekk mid-depozitu msemmi l-esponenti naqqsu s-somma ta' €100.

Bl-ispejjez u bl-interessi kontra s-socjeta' intimata u bl-ingunzjoni tas-socjeta' konvenuta in subizzjoni.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici ghas-subizzjoni tas-socjeta' konvenuta sabiex twiegeb ghalihom bil-gurament taghha u biex b'hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ppruvat (Artiklu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili)

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta' konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma dehret ghas-seduta tad-19 ta' Settembru, 2012 u lanqas ghas-seduta ta' llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta attrici fis-seduta tad-19 ta' Settembru 2012 u filfatt is-socjeta' konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.
Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvat, it-Tribunal jilqa t-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett elef u erba' mitt Ewro (€3,400) bl-imghax legali mid-data tal-prezentata sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjez ikunu a karigu tas-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------